# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS B.A., LL.D.**
**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 30 ta' Mejju 2001**

**Numru 3**

**Citazz. numru: 108/89**

**Avukat Dottor Henry sive Eric Mamo ghan-nom u in rapprezentanza ta' Mid-Med Bank Limited u b'nota tas-6 ta' Frar 1998 l-isem tas-socjeta' Mid-Med Bank Limited gie sostitwit ghal Mid-Med Bank p.l.c. u dana b'rizoluzzjoni generali ta' l-azzjonisti tas-socjeta' Mid-Med Bank Limited tas-17 ta' Dicembru 1999; u b'nota tat-8 ta' Novembru 1999 l-isem tas-socjeta' Mid-Med Bank p.l.c. inbidel ghal HSBC Bank Malta p.l.c. b'rizoluzzjoni mehuda f'laqgha straordinarja ta' l-azzjonisti tas-socjeta' Mid-Med Bank p.l.c. tat-18 ta' Awissu 1999 u dana b'effett mill-1 ta' Dicembru 1999.**

**vs**

1. **Agostino sive Winston Carbone f'ismu proprio**

2. **Agostino sive Winston Carbone ghan-nom u in rapprezentanza ta' "The Orangery Ltd."**
3. **Agostino sive Winston Carbone ghan-nom u in rapprezentanza ta' "Overseas Trading Ltd." "isem liema kumpanija, b'risoluzzjoni ta' l-azzjonisti taghha datat id-29 ta' Jannar 1993 sar Burlington Holdings Limited"[1]**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fil-11 ta' Novembru 1994 li tghid hekk:

"Rat ic-citazzjoni li biha l-attur nomine ppremetta:

"Illi b'kuntratt tal-14 ta' Frar 1987, in atti Nutar Mario Bugeja (Dokument "A"), is-socjeta' attrici tat facilita' ta' self lill-konvenut Carbone proprio sas-somma ta' hdax-il elf lira (Lm11,000);

Illi s-socjeta' attrici effettivament silfet dan l-ammont kif jirrizulta minn skrittura privata hawn annessa (Dokument "H");

Illi permezz ta' l-imsemmi kuntratt kif ukoll bi skritturi tal-14 ta' Frar 1987 (Dokumenti "B" u "C"), is-socjetajiet "The Orangery Ltd." u "Overseas Trading Ltd." iggarantew "in solidum" il-hlas ta' dan is-self u l-imghaxijiet relattivi limitatament ghall-ammont ta' hdax-il elf lira (Lm11,000) u imghaxijiet relattivi;

Illi s-somma dovuta llum in restituzzjoni ta' l-avvanz imsemmi tilhaq l-ammont ta' Lm11,907.42,4 (hdax-il elf, disa' mija u seba' Liri Maltin, tnejn u erbghin centezmu w erba' millezmi), oltre l-imghaxijiet tat-tmienja fil-mija mit-23 ta' Settembru 1988;

Illi l-konvenuti nterpellati jhallsu dan l-ammont baqghu inadempjenti;

[1] Annotazzjoni b'digriet tad-9 ta' Awissu 2001.

Illi jirrikorru c-cirkostanzi kollha msemmija fl-Art. 167 et seq. tal-Kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili;
Talab li - dispensat is-smigh tal-kawza a tenur ta' l-Art. 167 et seq. tal-Kodici tal-Organizzazjoni u Procedura Civili u in vista ta' l-affidavit ta' l-attur nomine - din il-Qorti tikkundanna in solidum lill-konvenuti Agostino sive Winston Carbone proprio, lis-socjeta' "The Orangery Ltd." u lis-socjeta' "Overseas Trading Ltd." is-somma ta' Lm11,907.42,4 (hdax-il elf, disa' mija u seba' Liri Maltin, tnejn u erbghin centezmu w erba' millezmi) somma mislufa lill-konvenut Carbone proprio u garantita mis-socjeta' konvenuti, oltre l-imghax tat-tmienja fil-mija fis-sens mit-23 ta' Settembru 1988;

B'dan illi s-socjetajiet garanti jkunu tenuti li jhallsu limitatament sa' l-ammont ta' Lm11,000 (hdax-il elf lira Maltin) u l-imghaxijiet hawn fuq imsemmija;

Bl-ispejjez, komprizi dawk tat-tlett ittri nterpellatorji tat-8 ta' Novembru 1988, tal-Mandat ta' Impediment tas-Safar, tal-Mandat ta' Qbid u tat-tlett mandati ta' Sekwestru kontra l-konvenuti.”

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda ta' l-attur nomine;
Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Agostino sive Winston Carbone proprio et nomine li biha eccepixxa:-

1. “In-nullita' tal-kuntratt u l-iskritturi li fuqhom qed jibbaza t-talbiet tieghu l-attur nomine in kwantu li nghatat fihom garanzija stante li ma giex ottenut il-permess mill-Onorabbli Sekond'Awla tal-Qorti Civili rikjest fic-cirkostanzi sabiex is-socjetajiet konvenuti jintrabtu validament ai termini ta' l-istess kuntratt u skritturi;

2. Minghajr pregudizzju l-esponent ma jaqbilx ma' l-ammont pretiz fic-citazzjoni u jitlob prospett sabiex jigi kkontrollat kif gew komputati l-imghaxijiet;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda ta' l-istess konvenut proprio et nomine;

Rat ir-rikonvenzjoni ta' l-istess konvenut proprio et nomine li biha wara li ppremetta:-

"Illi jirrikorru c-cirkostanzi kollha kontemplati fl-Artikolu 396 tal-Kodici tal-Procedura Civili, il-konvenut nomine qed iharrek lill-attur nomine in via rikonvenzjonali bil-mod kif gej u hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Illi fl-14 ta' Frar 1987 is-socjetajiet konvenuti kif rappresentati minn Agostino sive Winston Carbone, iffirmaw kuntratt in atti Nutar Mario Bugeja (Dokument "A), u skritturi privati ta' l-istess dati, (Dokumenti "B" u "C") fejn dawn is-socjetajiet taw garanzija in solidum ghal self moghti lill-konvenut proprio mis-socjeta' attrici, bil-pattijiet u kondizzjonijiet kollox ai termini ta' l-imsemmi kuntratt u skritturi;

Illi l-imsemmi Agostino sive Winston Carbone ma kienx debitament awtorizzat sabiex jikkonkludi ghan-nom tas-socjetajiet konvenuti l-imsemmija kuntratt u skritturi, u kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza ghal dan il-ghan kien ikun jehtieg li tali kuntratt u skritturi jigu sanciti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili, u ghalhekk kulma sar fl-imsemmija kuntratt u skritturi mis-socjetajiet konvenuti kif rappresentati huwa null u bla effett fil-ligi;

Talab li din il-Qorti:-

1. tiddikjara illi l-kuntratt pubbliku imsemmi tal-14 ta' Frar 1987 (Dokument "A"), huwa null u bla effett kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi;
2. tiddikjara illi l-iskritturi ta' l-istess data huma similment nulli u bla effett ghall-istess skop;
3. tiffissa data hin u lok ghall-pubblikazzjoni tal-konsegwenti att relattiv ghal-kancellament ta' l-ipoteki iskritti fil-kuntratt fuq imsemmija;
4. tinnomina Nutar sabiex jippubblika l-konsegwenti att ghall-kancellamenti ta' l-ipoteki iskritti kif intqal;
5. tinnomina kuratur sabiex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja ta' l-attur nomine fuq l-imsemmi kuntratt ta' kancellament;

Bl-ispejjes kontra l-attur nomine."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda annessa mal-kontro-talba;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-attur rikonvenut li biha eccepixxa:-

1. In-nuqqas ta' interess guridiku tal-konvenut fit-talbiet tieghu;

2. Minghajr pregudizzju ghall-premess illi l-konvenut ma jistax jissolleva nullita' ta' obbligazzjoni, liema nullita' allegata hija rizultat ta' att tieghu stess sew ta' kommissjoni sew ta' ommissjoni;
3. Illi l-konvenut proprio et nomine ma kellu bzonn ebda permess jew awtorizzazzjoni mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili biex jiffirma l-kuntratt u skritturi in kwistjoni u jassumi l-obbligazzjonijiet rizultanti;
4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda ta' l-attur rikonvenut;

Rat in-nota ta' Vernie Carbone prezentata fl-udjenza tal-15 ta' Gunju 1990 li biha assumiet l-atti ghas-socjetajiet konvenuti minflok Agostino sive Winston Carbone;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u senjatament il-verbali li bihom gie registrat li din il-kawza kienet qieghdha tinstema' kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet "Dottor Anthony H. Farrugia bhala kuratur specjali tal-minuri Fabienne u Rowan ahwa Carbone vs Vernie Carbone nomine et nomine" (Citazzjoni Numru 82/90);

Rat is-sentenza moghtija llum stess minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet msemmija (Citazzjoni Numru 82/90) li biha gew michuda t-talbiet attrici dedotti f'dik il-kawza, liema talbiet kienu jinkludu dik tan-nullita' tal-kuntratt u l-iskritturi li fuqhom l-attur odjern qed jibbaza t-talba tieghu;

Illi, konsegwentement, ma jistghux jigu milqugha l-eccezzjonijiet tal-konvenuti proprio et nomine u lanqas ma jistghu jigu milqugha t-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti proprio et nomine;

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi billi tichad l-eccezzjonijiet kif ukoll it-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti proprio et nomine u tilqa' it-talba attrici bl-imghaxijiet mitluba. L-ispejjez kollha, komprizi dawk tar-rikonvenzjoni, ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti proprio et nomine."

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti tal-21 ta' Novembru 1994 u l-petizzjoni ta' l-appell taghhom tas-7 ta' Dicembru 1994 li permezz taghhom appellaw mis-sentenza moghtija peress illi hasshom aggravati bl-istess sentenza u dana ghar-ragunijiet moghtija fl-istess petizzjoni ta' l-appell.

Rat ir-risposta ta' l-attur appellat tas-26 ta' Dicembru 1994 fejn sostna li s-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma.

Rat l-atti kollha l-ohra processwali f'dan l-appell.

Ikkunsidrat:-

Illi l-meritu ta' dan l-appell jittratta self maghmul mill-attur lill-konvenut fl-14 ta' Frar 1987 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja f'liema kuntratt pubbliku s-socjetajiet konvenuti l-ohra "The Orangery Limited" u "Overseas Trading Ltd." iggarantew *in solidum* il-hlas tad-dejn in kwistjoni liema garanzija saret ukoll fuq skrittura privata ta' l-istess data.

B'citazzjoni ohra giet attakkata l-validita' ta' dan il-kuntratt u skrittura in kwantu saret il-garanzija fuq imsemmija liema citazzjoni ohra giet deciza b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerc ukoll tal-11 ta' Novembru 1994 liema sentenza wkoll giet appellata.

Fil-Prim'Istanza din il-kawza prezenti dejjem giet differita biex tistenna l-ezitu ta' dik il-kawza l-ohra. Effettivament anke fil-petizzjoni ta' l-appell taghhom f'din il-kawza l-appellanti jaghmlu riferenza ghall-petizzjoni ta' l-appell li saret fil-kawza Citazzjoni Numru 82/90 li taghha annettew kopja f'dan l-appell bhala Dokument "VC1" u ddikjaraw illi "*qed jassocjaw ruhhom ma' l-aggravji hemm imsemmija u ghall-finijiet ta' dan l-appell jaghmluhom taghhom*".

B'sentenza moghtija llum stess fil-kawza fl-ismijiet "Dr. Anthony Farrugia nomine vs Vernie Carbone nomine" (Citazz. Nru: 82/90) din il-Qorti ddecidiet il-kawza billi cahdet it-talbiet attrici w ikkonfermat is-sentenza appellata fir-rigward ta' dan il-kuntratt/skritturi. Issir ghalhekk piena riferenza ghall-esposizzjoni tal-fatti u ghall-ezami tal-punti ta' dritt li saru f'dik is-sentenza li jwasslu lil din il-Qorti li, f'din il-kawza, tikkonferma fl-intier taghha s-sentenza appellata u ghalhekk tichad l-appell, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Deputat Registratur

rf.